MALTA

**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tal-Hamis, 10 ta' Novembru, 2016

Citazzjoni Numru. 1022/2016JPG
Kawza Numru: 20

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1646/2016JPG fl-ismijiet:**

**DOM Communications Limited (C62617)**

**VS**

1. **Mark Camilleri bhala Chairman ezekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb**
2. **Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb**
3. **Ministeru tal-Edukazzjoni u Xoghol**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors bl-urgenza ta' Mark Camilleri (ID 88088M) noe et datat 10 ta' Novembru, 2017 li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti ġew notifikati nhar id-**9 ta' Novembru 2016** b'dan il-mandant ta' inibizzjoni fil-konfront tagħhom, b'liema mandat qed jintalab ordni minn din l-Onorabbli Qorti sabiex l-esponenti jiġu inibiti milli "**Jorganizzaw, jiftħu, jinawguraw, u jżommu fis-seħħ il-fiera/attivita' bl-isem: 'Malta Book Festival 2016' u l-attivitajiet kollha relatati magħha li tiġi organizzata darba fis-sena fil-Mediterranean Conference Centre**';*

2. *Illi tali mandat ta' inibizzjoni ġie ppreżentat mis-soċjeta' DOM Communications Limited dakinhar stess tad-9 ta' Novembru 2016, meta l-istess soċjeta' kienet taf ben sew illi l-Festival in kwistjoni giet inawgurata proprju f'din l-istess ġurnata u hija pjanat li tintemm nhar il-Ħadd 13 ta' Novembru 2016. Dan juri illi s-soċjeta' attriċi mhux biss żvijat lil din l-Onorabbli Qorti iżda illi l-intenzjoni tagħha hija proprju li tinfliġġi l-akbar dannu u preġudizzju possibbli mhux biss lill-esponenti iżda lill-pubblikaturi tal-kotba f'Malta li ser jipparteċipaw f'dan il-Festival;*

3. *Illi oltre minn hekk, id-deċiżjoni allegatament preġudizzjevoli għas-soċjeta' attriċi ilha li ingħatat permezz ta' emails datata 13 ta' Settembru 2016 (Dok. I esebit mal-mandat), pero' xorta waħda s-soċjeta' attriċi iddeċidiet li tintavola dan il-mandat proprju illum, fil-ġurnata tal-inawgurazzjoni tal-Festival tal-Ktieb;*

4. *Illi f'kull każ is-soċjeta' attriċi ma għandha assolutament l-ebda jedd 'prima facie' li twaqqaf tali Festival li fiha jieħdu sehem numru konsiderevoli ta' pubblikaturi tal-kotba oħra li ċertament ser jiġi milquta direttament u ser isofru preġudizzju irremedjabbli u gravissmu bil-waqfien ħesrem ta' dan il-Festival. Tali pubblikaturi ċertament li ma jaħtux għall-ebda deċiżjoni allegatament "arbitrarja" da parti tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, pero huma xorta waħda ser jiġi affetwati negattivament bil-waqfien tal-Festival tal-Ktieb li ġiet mitluba mis-soċjeta' attriċi u proviżorjament milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti;*

5. *Illi semai, s-soċjeta' attriċi kellha u għanda kull dritt, jekk hekk jidhrilha xieraq u opportun, li tfitexx lill-Kunsill Nazzjonali għal Ktieb għad-danni, imma mhux li twaqqaf il-Festival in kwistjoni b'detriment gravi u serju għal terzi persuni (pubblikaturi oħra) li qed jipparteċipaw fih;*

6. *Illi f'kull każ, il-Festival in kwistjoni shuwa l-aktar avveniment importanti għall-industrija tal-ktieb kemm f'termini kummerċjali u kemm f'termini letterarji, kulturali u edjukazzjonali f'Malta u t-twaqqif tiegħu ħesrem ser jikkawża danni irreparabbli ta' ammonti sostanzjali kbar lill-pubblikaturi u esebituri kollha tal-Festival tal-Ktieb, apparti li ser jikkawża danni inġentissimi lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb stess;*

7. *Illi ma huwa bl-ebda mod car li l-kumpanijia li qed titlob il-hrug ta' dan il-mandat jew id-diretturi taghhom ghandhom biex jaghmlu tajjeb ghad-danni li qed jikkagunaw lill-esponenti;*

**8.** *Illi f'kull każ il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb mxiet bid-diliġenza ta' uti bonus paterfamilias fil-mansjoniet tagħha għaliex d-deċiżjoni tagħha li twaqqaf il-parteċipazzjoni tas-soċjeta' attriċi fil-Festival tal-Ktieb kienet ibbażata fuq raġunijiet leġittimi stante li s-soċjeta' attriċi kienet qiegħda tistampa u tbiegħ kotba li m'ghandix copyright fuqhom u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb doverożament tqis illi mhux denju li tali soċjeta' twaqqa l-istandards u r-reputazzjoni ta' avveniment ta' importanza nazzjonali. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, magħdud l-Ministeru tal-Edukazzjoni x-Xogħol, ma tqisx illi tista' leġittimament tissanzjona ksur sfaċċat tal-liġi da parti tas-soċjeta' attriċi;*

**9.** *Tant li l-esponenti Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ma aġixitiex b'mod arbitrarju illi tat tal-inqas tliet opportunajiet lis-soċjeta' attriċi sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha fir-rigward (ara d-dokumenti esebiti u mmarkati 'Dok F' sa' 'Dok I' mal-Mandat ta' Inibizzjoni), pero' din xorta waħda għamlet ta' rasha u sfaċċatament intavolat dan il-Mandat ta' Inibizzjoni. B'kull rispett dovut, biżżejjed jingħad illi l-persuna prinċipali wara s-soċjeta' attriċi, u ċioe' Josef Grech, diġa instab ħati – għal* ***diversi drabi*** *– ta' ksur ta' copyright infringement, plaġġeriżmu u frodi (ara d-dokument annessi u mmarkati 'Dok. KNK 1' u 'Dok. KNK 2';*

**10.** *Illi hawnhekk ukoll, l-esponenti Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb terġa ttenni illi jekk s-soċjeta' esponenti tqis li d-deċiżjoni kienet arbitrarja jew ultra vires, hija kellha diversi xorta ta' azzjonijiet li setgħet tagħmel, fosthom stħarriġ ta' egħmil amministrattiv (judicial review), u mhux dan il-mandat ta' inibizzjoni li huwa intenzjonat biex jikkawża l-akbar ħsara u preġudizzju possibbli u xejn aktar;*

**11.** *Illi f'kull każ, u bla ebda preġudizzju għal premess, ikun għal kollox inutli li dan il-mandat jiġi ttratat nhar it-18 ta' Novembru 2016 stante illi l-Festival in kwistjoni, kif diġa ingħad, huwa pjanat li jiġi fi tmiemu nhar il-Ħadd 13 ta' Novembru 2016;*

**12.** *Illi finalment, u dan qed jingħad bl-akbar sens ta' responsabbilita', jekk dan il-Mandat ta' Inibizzjoni kellu jiġi milqugħ, anke' jekk b'mod provviżorju, id-dannu kaġjonat ser ikunt tant serju illi jaf ikun il-bidu tat-tmiem tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb f'Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka d-Digriet taghha tad-9 ta' Novembru 2016 u konsegwentement tirrevoka l-effitti kollha tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1646/2016 fl-ismijiet premess,*

*b'urgenza u bid-dispenza tal-hijiniet legali u bl-ezenzjoni tal-ferje u ukoll fic-cirkostanzi bid-dispenza tas-smigh, li bih akkoljiet it-talba li fil-fehma tal-esponenti hija manifestament abbuziva, fiergħa u vessatorja.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi."*

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru, 2016 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-10 ta' Novembru, 2016;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Dom Communications Limited ghar-rikors bl-urgenza tad-9 ta' Novembru, 2016 datat 10 ta' Novembru li taqra hekk :

*Illi d-difensur ta' l-esponenti gie notifikat bir-rikors ghal revoka tal-mandat ta' inibizzjoni il-bierah fid-09.30 ta' filghaxija u inghata zmien sallum fid09.00 ta' filghodu biex jippresenta din ir-risposta;*

*Illi preliminarjament, bi ksur ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikors ghar-revoka tal-mandat, de quo, huwa intempestiv u dan billi l-mandat ghadu ma giex milqugh definittivament ai termini ta' l-artikolu 875 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk bid-dovut rispett jigi michud;*

*Illi preliminarjament ukoll, bil-kontra ta' dak li hemm iddikjara l-esponenti intavolat kontestwalment mal-mandat ta' inibizzjoni kawza ta' stharrig amminsitrattiv (judicial review) u b'hekk ai termini ta' l-istess artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta dan ir-rikors kellu jigi ppresentat quddiem il-Qorti li ser tisma' l-kawza;*

*Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost ma jidher minn imkien fir-rikors ghal revoka li dan jissodisfa  l-artikolu 836 tal-Kap 12. L-esponenti ghandhom jedd (naturalment anke prima face) li jippartecipaw ghall-imsemmija fiera tant li dan kien concess lilhom mill-intimati u huwa kkonfermat f'punt numru 8 tar-rikors de quo;*

*Illi bla pregudizzju gha dak fuq espost l-esponent ghandha d-dritt skond il-ligi li tippresenta u titlob lill-Qorti l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra kwalsiasi haga li ser tippregudikala d-drittijiet taghha il-kwistjoni taz-zmien meta jigi pprezentat hija bid-dovut rispett bla bazi. –inibizzjoni jrid*

*jintalab meta l-azzjoni ta' pregudizzju tkun ser issir. Kif ikkonfermat mid-dokument esebiti kien korrispondenza ufficjali da parti ta' l-esponenti ghal zmien twil u l-intimati kienu gew imwissija li l-esponenti ser tiddifendi d-drittijiet taghha skond il-ligi;*

*Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost u bid-dovut rispett ir-raguni migjuba fir-rikros revoka ossija li dan il-mandat ser ikollu effett mhix raguni valida ai termini ta' l-artikolu 836 biex tintalab ir-revoka tal-mandat. Semmai kienet l-azzjoni ta' l-esponent li wasslet ghal dan il-punt meta l-intimati stess fil-korrispondenza spudoratament jisfidaw lill-esponenti ghal Qorti;*

*Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost il-mandat ghandu jibqa' fis-sehh billi huwa necessarju u mehtieg u dan billi d-decizjoni ta' l-intimati ser ikollha effett waqqi u gravi mhux biss fuq l-esponenti direttament imma ukoll indirettament fuq l-abbilta tal-esponenti li tinnegozja f'suq hieles minghajr indhil, kontroll u manipulazzjoni tas-suq minn awtorita' governattiva. L-effett tad-decizjoni ser ikollha impatt negattiv fuq is-suq tal-kotba liema decizjoni tmur kontra l-ligi ta' kompetizzjoni hielsa. L-esponenti qed issofri pregudizzju billi qed tigi eskluza mill-aktar avveniment importanti fis-suq tal-bejgh tal-ktieb biex kumpanija privata ohra li ghanda membri fil-kunsill tal-ktieb, bl-allegat kunflitt ta' interess tibqa' tiddomina s-suq billi teqred il-kompetizzjoni kollha. L-istess haga li qed issir fuq l-esponenti saret ukoll ma diversi kumpaniji ohra;*

*Illi fid-dawl ta' dan il-hsara li tibqa' ghaddej il-fiera (bid-decizjoni mehuda illegalment mill-intimati) hija akbar mill-hsara jekk tigi inibita milli titkompla. Dan billi jekk ma tkompliex ghaddeja, is-suq mhux ser ikun qed isofri ebda 'market distortions' b'intervent ta' awtorita' governattiva u dan billi l-partecipanti jkunu kollha fl-istess stat (level playing field) milli jekk issir u l-Qorti bir-rispett tippermetti li jigi kkrejat zbilanc fis-suq b'detriment dirett u qawwa fil-konfront ta' l-esponenti;*

*Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espst il-punt numru 12 jirrifletti n-nuqqas ta' kjarezza ta' dan ir-rikors u juri car l-intempestivita tieghu;*

*Ghaldaqstant l-esponenti topponi ghat-talba tar-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

It-talba odjerna tirrigwarda talba ghar-revoka tad-digriet ta' din il-Qorti li bih laqghet provizorjament il-mandat ta' indibizzjoni provizorju 1646/2016 u dan ai termini ta' Artikolu 836 (1) (f) tal-Kap 12;

Il-Qorti rat u ezaminat il-provi dokumentari prodotti.

Illi l-**Artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** jipprovdi li :

> ***"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intmat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***
>
> ***(a) Sa (e) Omisses***
>
> ***(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".***

Qabel ma tezamina, l-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet**"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

> *"li mid-*dispozizzjoni *tal-istess* ***Artikolu 836*** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura*

*preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C.**

**Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

**Ikkonsidrat:**

Illi, mill-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti jidher b'mod car illi Dom Communications Limited intavolat dan il-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex tikseb effett massimu a detriment tal-intimati u halliet proprju sa l-ahhar mument u cioe' meta kienet ghadha kemm infethet il-Fiera tal-Kotba biex intavolat il-proceduri tal-inibizzjoni.

Il-Qorti tgharaf illi l-effett detrimentali ta' dawn il-proceduri, minkejja li jolqtu lill-intimati b'mod gravi, huwa wiehed multipliku u *exponential* ghal partecipanti kollha tal-fiera li ghalihom din il-fiera tfisser parti sostanzjali minn negozju u l-ghixien taghhom.

Din il-Qorti tgharaf illi laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni u ghaldaqstant jehtieg mizura ta' kawzjoni sicomme t-talba finali ghadha ma gietx ippronunzjata.

Illi, minkejja li DOM Communications Limited tafferma illi gja inizjat azzjoni quddiem il-Qorti kompetenti, kopja formali jew informali tar-rikors promotorju f'dawk il-proceduri ma gietx esebita f'dawn l-atti.

Ghaldaqstant, fid-dawl tad-danni li jistghu jarrekaw l-intimati u b'mod specjali lil numru konsiderevoli ta' partecipanti ta' din il-fiera li fiha gja hallsu l-mizati ghall-partecipazzjoni taghhom u li jiddependu minn din il-fiera ghall-parti sostanzjali mid-dhul annwali taghhom, tgharaf illi ma jkunx ragonevoli li dan il-Mandat ta' Inibizzjoni milqugh provizorjament jibqa' fis-sehh.

Ghaldaqstant, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, tichad l-eccezzjonijiet sollevati minn DOM Communications Limited, tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tad-9 ta' Novembru, 2016 li bih laqghet provizorjament il-Mandat ta' Inibizjoni 1646/2016 fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra DOM Communications Ltd.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**